# L-Influwenza ta' Dun Karm fil-Letteratura Maltija

*Alfred Massa*

Dun Karm! Isem li ċertament idoqq ħelu f'widnejna lkoll. Għax kien hu li poġġa s-sisien li fuqhom kellha tinbena b'mod serju l-poeżija tagħna. Għax hu kien minn ta' quddiem li għaraf jinterpreta s-sentimenti patrijottiċi tal-poplu Malti. Għax kien hu li bi vrusu tana stampa sabiħa tal-pajsaġġ t'art twelidna. Għax kien hu li wera mħabba sinċiera u bla qies lejna lkoll fl-insiġ tal-versi li llum jagħżluna minn ġnus oħra.

**Il-bniedem, il-qassis, il-poeta**

Meta nitkellmu dwar Dun Karm għandna dejjem neħduh fil-kwadru ta' żmienu. Min-naħa l-oħra, tajjeb li nsiru nafuh sewwa kemm bħala bniedem kif ukoll bħala saċerdot u poeta. Dawn iridu jittieħdu flimkien, għax flimkien jiffurmaw persuna waħda: il-persuna Dun Karm.[1] Dan hu importanti minħabba li teżisti rabta intima bejn l-artist u xogħlijietu; ukoll jekk xi kritiċi ma jaqblux min minnhom għandu jittieħed l-ewwel. Fi kliem ieħor, jekk l-istudjuż għandux isir jaf l-artist mix-xogħol li jkun ħoloq, inkella jekk għandux jasal biex jifhem u japprezza biċċa arti wara li jkun sar jaf lill-ħallieq tagħha. Hawn jien se nimxi mat-tieni teorija.

Dun Karm (1871 – 1961) kien ġej minn familja Żebbuġija tipikament Maltija kemm f'edukazzjoni, kemm f'ambjent u kemm f'qagħda soċjali. Bħala bniedem kien ġentili ħafna ma' kull tip ta' nies[2] u kien imżejjen b'umiltà, b'mogħdrija u bi ħniena liema bħalhom.[3] Kien kalm, ta' reqqa, metodiku, eżatt. Kellu fih spirtu ferrieħi u kien iħobb jagħmel ħbiberija malajr.[4]

Bħala qassis, ordnat fl-1894, Dun Karm kien jaqdi l-missjoni saċerdotali tiegħu bi skruplu kbir. Fi kliem ieħor, kien meqjus bħala qassis kattolku mill-aħjar, għaref u sieket u ubbidjenti lejn l-awtorità.[5]

*Poeta nascitur* isostnu xi wħud; u dan donnu japplika wkoll għal Dun Karm li hu stess stqarr li ħass fih l-ewwel ġibdiet lejn il-poeżija meta kien jisma' 'l ommu traqqdu bil-versi ta' l-għanja "Ninni, ninni, ruħi ninni".

1. Ġ. Cardona, "Dun Karm – Il-Bniedem, il-Poeta u l-Qassis" f'*Il-Ħajja*, 3/10/86, p. 4.
2. Ġ. Delia, "Dun Karm Jibqa' Dejjem f'Qalbi" f'*Leħen il-Malti*, XXXI nru. 4, 1962, p. 15.
3. P. P. Saydon, "Dun Karm – Apprezzament" f'*ibid.*, p. 9.
4. O. Friggieri, *Dun Karm: il-bniedem fil-Poeta*, K.K.M., 1980.
5. *Ibid.*

Imbagħad meta kellu tmintax-il sena tana l-ewwel poeżija tiegħu li kienet bit-Taljan: "La Dignità Episcopale".[6] Ta' min ifakkar li Dun Karm kellu fih kultura kollha kemm hi Taljana. Huwa nnifsu stqarr li bħala poeta żagħżugħ beda jikteb bit-Taljan għaliex dak l-ilsien kien l-ewwel li kien mgħallem lilu, u kien għoġbu.[7] Fl-1912 kiteb l-ewwel poeżija bil-Malti dedikata lill-Madonna: "Quddiem Xbieha tal-Madonna".[8] Minn dak in-nhar kompla jħaddem ilsien art twelidu bla waqfien u fetaħlu t-triq li wasal fiha sal-lum.

**Poeta Romantiku**

Dun Karm kien poeta Romantiku. B'hekk kif kien mistenni kien jikkritika anqas u jħaddem l-immaġinazzjoni aktar biex ikun kapaċi jesprimi sentimenti xierqa.[9] Huwa mexa fuq l-istil klassiku tradizzjonali li fi żmienu kien għadu jirrenja suprem; ix-xempju tiegħu kien il-lirika tradizzjonalistika Taljana.

Ir-Romantiċiżmu dunkarmjan mela hu msejjes fuq dak Taljan fejn l-imħabba lejn il-patrija tiddomina fuq kull imħabba oħra. Bħall-Italja fis-seklu tmintax, Malta fis-seklu dsatax u fil-bidu tas-seklu għoxrin għaddiet minn kriżi politiko-soċjali li qasmet lill-poplu tagħna politikament u lingwistikament. Għalhekk Dun Karm ħassu fid-dmir li jaħdem kemm jista' favur l-għaqda bejn il-Maltin. Hu donnu ħa l-parir tal-poeta Taljan Giovanni Berchet (1783 – 1851) li kien qal: "Il-poeżija għandha timmira lejn il-perfezzjoni morali taċ-ċittadini; għandha tesprimi s-sentimenti ħajjin li jinsabu fir-ruħ popolari."[10]

Dun Karm għanna bil-kbir u tana poeżiji patrijottiċi mill-aqwa fejn ipprova jiżra' l-imħabba lejn l-Ilsien, lejn il-Bandiera u lejn Malta, li hu dejjem qiesha bħala t-tieni ommu. Forsi l-qofol tal-patrijottiżmu tiegħu jilħaq il-quċċata fl-ewwel terzina tas-sunett "Lil Malta".

Ma' l-imħabba lejn art twelidu Dun Karm għaqqad l-importanza tad-dîn kattolku li hu dejjem qiesu bħala parti integrali mill-identità tal-poplu Malti. Ta importanza wkoll lill-istorja, lill-eroj Maltin, lill-ambjent u lill-popolin li fih dejjem apprezza s-sempliċità.

Dun Karm fehem tajjeb il-ħajja umana mgħobbija slaleb, bħalma fehem ukoll il-miżerja tal-bniedem. Iżda hu tana l-eżempju kif għandna naġixxu

6. O. Friggieri, *Il-Kultura Taljana f'Dun Karm*, K.K.M., 1976.
7. *Ibid.*
8. O. Friggieri, *Dun Karm: il-bniedem fil-Poeta.*
9. C. Briffa, "Ir-Romantiċiżmu" f'*Sagħtar*, nru. 102, Marzu 1984, p. 6.
10. C. Bria, "L'ottocento italiano" f'*Gabbiola*, Frar 1984, p. 1.

quddiem il-problemi materjali u spiritwali li sikwit insibu ma' wiċċna. Is-soluzzjoni m'hix li neħilsu mis-slaleb, anzi li naċċettawhom u li nemmnu b'fidi sħiħa f'Alla missierna li lestielna l-ġenna għal meta jsejħilna. Dun Karm ma qabilx ma' Ugo Foscolo (1778 – 1827) meta fil-karme tiegħu "I Sepolcri" qal li mal-mewt jispiċċa kollox għalina. Anzi sostna Dun Karm li l-mewt hija l-bidu tal-vera ħajja kif fissrilna fil-poema liriku-didattiku "Il-Jien u lil Hinn Minnu" u f'poeżiji oħra bħal "Fil-Katakombi" u "Naf u Nemmen".

Kif kiteb darba l-Prof. Ġużè Galea, "Il-kitba ta' Dun Karm hi simbolu tar-ruħ, tal-qalb, ta' l-aspirazzjonijiet, tal-ħidmiet u tal-ġrajjiet tan-nazzjon tagħna."[11]

**Minn ta' quddiem fil-ġlieda lingwistika**

Dun Karm fetaħ it-triq għall-poeti kemm ta' żmienu kif ukoll dawk li kellhom jiġu wara. Dan għamlu mhux biss għax tana poeżiji mill-aqwa li setgħu jservu bħala eżempju, iżda l-ewwel u qabel kollox bis-sehem attiv li ħa fil-ġlieda favur l-Ilsien Malti. Fis-snin għoxrin Dun Karm u sħabu tal-'Għaqda tal-Kittieba tal-Malti' sabu lsienna mirfus taħt is-saqajn u meqjus minn bosta, anki Maltin stess, bħala "il-lingwa tal-kċina".

Din il-kriżi lingwistika nnutawha wkoll xi barranin kif jidher minn kumment li ħalla Ahmed Effendi Fares, Lebaniż li qatta' xi snin igħix Malta fi tmiem is-seklu l-ieħor. Fares kiteb: "Il-lingwa Maltija hija fergħa mis-siġra Għarbija, u frotta mħassra mill-frott tagħha. Bl-Ilsien Malti ma nkitbux kotba billi hu espressjoni minn tlissin li jagħmlu użu minnu f'dak li hu neċessarju skond iċ-ċirkostanzi li jinqalgħu mingħajr ma hu biżżejjed għall-ħtieġa tal-Maltin f'dak li jkunu jridu jgħidu, jew jiddeskrivu jew għall-kliem poetiku jew biex jippritkaw. Meta jkunu jridu jagħmlu dan iduru għat-Taljan li hu rifless tal-medjokrità tan-natura tagħhom għax ma ħadux ħsieb tal-lingwa ħlief għall-kliem ta' kuljum."[12]

Hekk kienet il-qagħda tal-Malti dak iż-żmien, iżda bil-ħidma attiva li taw Dun Karm u sħabu sa l-1934 il-Malti mhux biss sar standardizzat imma kiseb ukoll l-għarfien bħala l-ilsien uffiċjali tal-gżejjer Maltin. Minn din il-kisba gawdiet ħafna u għadha tgawdi sal-lum il-letteratura tagħna.

**Il-poeti ta' żmienu**

M'hemmx dubju, li l-għerf artistiku ta' Dun Karm sab rikonoxximent mill-Maltin kolti ta' żmienu. Il-pinna tiegħu sabet apprezzament kemm meta

11. Ġ. Galea, *Dun Karm f'San Pawl il-Baħar*. Ż.Ħ.N., 1971, p. 16.
12. F. X. Cassar, *Tagħrif Dwar Malta tas-Seklu 19*, Ċentru Kulturali Islamiku, Malta, 1985,

ħaddimha bit-Taljan kif ukoll meta ħaddimha bil-Malti. Huwa minnu li bħal Dun Karm il-poeti ta' żmienu xorbu mill-istess għajn li xorob minnha hu; b'danakollu hu fatt ukoll li Dun Karm mexa quddiem bl-istandard f'idu.

Dan wieħed jifhmu aħjar meta jara kif il-poeti ta' dak iż-żmien kienu jħarsu (jew għadhom iħarsu) lejh. Uħud minnhom jammettu bla tlaqliq l-influwenza li l-poeżija ta' Dun Karm kellha fuq il-versi tagħhom.

Hekk ngħidu aħna l-Prof. Ġużè Aquilina jgħid ċar u tond li Dun Karm kellu effett kbir fuqu kemm bħala poeta tal-protesta (protesta kontra sekli ta' eġemonija politika u kulturali barranija) kif ukoll bħala l-imgħallem tal-kelma miktuba u mirquma li ta statura letterarja lill-ilsien Malti.[13]

Ġorġ Pisani jgħid li l-muża ta' Dun Karm ipperswadietu li bil-Malti wieħed jista' jikteb poeżija tajba daqs dik li tinkiteb f'ilsna oħra ta' l-Ewropa. Huwa jkompli li kienet din il-konsiderazzjoni li ġegħlitu jħalli l-kitba tiegħu f'ilsna oħra u jinxteħet għal dik bil-Malti. Barra minn hekk Pisani jsostni li l-poeżija ta' Dun Karm illuminatu mhux ftit fil-karriera kollha tiegħu letterarja.[14]

Ġużè Chetcuti jistqarr li Dun Karm kellu effett kbir fuqu l-aktar fl-ewwel snin li beda jikteb il-poeżija. Fil-fatt kienet il-poeżija ta' Dun Karm "Warda li Tgħid Ġrajjietha" li fetħitlu t-triq għall-karriera li qabad fil-kitba tal-poeżija. Huwa jsostni li l-effett li kellu Dun Karm fuqu jinħass sew fl-ewwel ġabra ta' poeżiji li ppubblika bl-isem ta' *Poeżiji*.[15]

Iż-żewġ saċerdoti Dun Frans Camilleri u Patri Ġużè Delia S.J., it-tnejn jammettu l-influwenza ta' Dun Karm fuqhom bħala poeti. Camilleri jgħid li mhux biss il-poeżiji ta' Dun Karm kellhom effett fuqu iżda anki l-personalità tiegħu.[16] Min-naħa l-oħra Delia jistqarr li kien proprju wara li qara l-ktieb ta' Dun Karm *Ward Ieħor* li beda jikteb l-ewwel poeżiji tiegħu bil-Malti.[17]

Poeti oħra, għalkemm stqarrew li Dun Karm ma kellu ebda effett fuq il-poeżija tagħhom, b'danakollu, għandhom (jew kellhom) ammirazzjoni kbira lejh. Fost dawn insibu lil Karmenu Vassallo li jgħid li għal dik li hi teknika jew arti fil-kitba poetika bil-Malti Dun Karm dejjem kien u jibqa' l-aqwa u l-iprem imgħallem.[18] L-avukat Ġorġ Zammit igħid li hu mhux biss

13. Ġ. Aquilina, "Dun Karm: il-Kontroversja" f'*Mis-Sillabu*, Vol. II, 7, p. 281.
14. Anon, "L-Influwenza ta' Dun Karm fuq Kittieba" f'*ibid.*, p. 284
15. *Ibid.*, p. 285.
16. *Ibid.*
17. M. Galea, "Intervista ma' Patri Ġużè Delia S.J." f'*Leħen is-Sewwa*, 29/11/80, p. 3.
18. Anon, *op. cit.*, p. 285.

għandu ammirazzjoni lejn Dun Karm iżda venerazzjoni.[19] Fl-aħħarnett Patri Mattew Sultana O.F.M.Cap. wera l-apprezzament tiegħu għall-oriġinalità ta' ħafna mill-poeżiji ta' Dun Karm. Fihom hu kien jara preċiżjoni kbira u kien jiskanta kif fi ftit kliem Dun Karm kien kapaċi jesprimi ħsibijiet hekk għoljin u sbieħ.[20]

**Il-poeti kontemporanji**

Fis-snin sittin Malta għaddiet mir-rivoluzzjoni kulturali tagħha. Grupp ta' poeti żgħażagħ, ilkoll konxji mill-iżvilupp poetiku li kien ilu s-snin li seħħ fl-Ewropa, ħassew il-ħtieġa li joħorġu fil-beraħ u jesprimu l-opinjoni tagħhom kontra l-istaġnar tal-poeżija romantika-tradizzjonali f'pajjiżna. Il-"gwerra" kontra t-tradizzjonaliżmu poetiku bdiet fil-ġurnali; kienet "gwerra" ta' ideat, ta' ideoloġiji, u din laħqet il-quċċata tagħha bit-twaqqif tal-Moviment Qawmien Letterarju fl-1966.

Il-poeżija tradizzjonali issa sabet reazzjoni qawwija, kultant ukoll provokattiva. Il-moħħ ħa post il-qalb; l-esperjenza u l-kritika ħadu post il-ħolm fieragħ u l-inċens bla sens. B'hekk twieldet l-hekk imsejħa "poeżija moderna" li ġabet magħha bidla kemm fit-tema kif ukoll fl-istil, fil-format u saħansitra fil-lingwaġġ. Il-prosodija sfat imwarrba għal kollox.

Dan kellu jeqred in-nukleju emozzjonali-metaforiku li Dun Karm tant għamel użu minnu, u jġib fix-xejn kull sistema formali sterjotipata ta' l-imgħoddi. Il-poeti tagħna issa bdew iħarsu lejn il-poeżija kontemporanja Ingliża u Amerikana b'referenza speċjali lejn xogħlijiet ta' Eliot, Pound u Hopkins.

Dan kellu jfisser it-tmiem ta' era poetika li Dun Karm kien meqjus fiha bħala suprem. Iżda fid-dinja t-tiġdid irid iseħħ. B'danakollu tajjeb inżommu quddiemna l-kontinwità f'kollox. Kieku ma kienx il-bieraħ ma niħsabux fi llum! Għalhekk ikun żball kbir jekk xi ħadd jipprova jnaqqas il-mertu tal-Poeta Nazzjonali tagħna. Għall-kuntrarju, Dun Karm għandu dejjem jitqies bħala l-poeta li jirrappreżenta l-poeżija Maltija bl-akbar dinjità u bl-ogħla impenn.[21]

19. *Ibid.*
20. *Ibid.*
21. O. Friggieri, *Dun Karm: Poeżiji Miġbura*, K.K.M., 1980.